**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**DISTRETT QORMI**

**Kawża Numru 6237/2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Maryam Jamaan Mohammed Saleh**

**Illum, 5 ta' Marzu, 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Maryam Jamaan Mohammed Saleh, detentriċi tal-karta tal-identitá numru 0128157A, li permezz tagħhom ġiet akkużata:

> *"talli nhar it-30 ta' Mejju 2023 ghal habta ta' 22.15hrs gewwa t-Triq 23 ta' April, Qormi,*
>
> 1. *Volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju;*
> 2. *Naqset li taghti lill-ufficjal tal-pulizija, waqt li kienu qed jaqdu dmirhom, isimha, kunjomha, numru tal-karta ta' l-identita', l-indirizz jew xi partikularitajiet ohra jew xi dokument li seta' kien mehtieg skont il-ligi."*

Rat id-dokumenti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti qieset il-kontenut tal-affidavits kollha, ippreżentati f'din il-kawża. Id-difiża ma talbitx li tagħmel kontroeżami ta' dawn l-Uffiċjali tal-Pulizija li xehdu. Id-difiża min-naħa tagħha, ma resqet l-ebda provi.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ressqux provi dwarha. In fatti, Georgina Muscat qatt ma tressqet bħala xhud, biex tispjega x'kien ġara u għalfejn talbet l-assistenza tal-Pulizija. L-Uffiċjali tal-Pulizija ma kinux preżenti waqt dan l-akkadut bejn Muscat u l-imputata, u għaldaqstant, kwalsiasi xhieda li taw in konnessjoni ma' dak l-inċident, ma osservawhx huma stess. Fl-affidavits tal-Uffiċjali tal-Pulizija jissemma wkoll, li nqalgħet problema peress li l-imputata bdiet tirrifjuta li tagħti d-dettalji tagħha, u tathom biss n-numru tal-karta tal-identità tagħha u mbagħad ġie r-raġel tagħha, li beda jinsisti magħha sabiex ma tagħtihomx l-ebda informazzjoni. Mill-affidavits jirriżulta, li kien ir-raġel tal-imputata li beda joħloq dan l-argument mal-Pulizija u mhux l-imputata. Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma tqisx li tressqu provi dwar l-ewwel imputazzjoni, bil-konsegwenza li din il-Qorti sejra ssib lill-imputata, mhux ħatja tal-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni jidher, li l-imputata tat biss lil Puliżija, id-dettalji tal-karta tal-identità tagħha, iżda rrifjutat li tagħtihom informazzjoni oħra, bħal l-isem tagħha u l-indirizz tagħha. Din il-Qorti tqis, li din l-imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata. Dwar l-identità tal-imputata, din setgħet tiġi stabbilita, in vista tal-fatt li l-Uffiċjali tal-Pulizija ngħataw in-numru tal-karta tal-identità, mill-istess imputata, wara insistenza da parti tagħhom, li tgħaddilhom l-informazzjoni mitluba lilha.

**Deċide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 338 (g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux qed issib lill-imputata ħatja tal-ewwel imputazzjoni, iżda ssibha ħatja tat-tieni imputazzjoni u tikkundannaha għal ħlas ta' ammenda ta' ħamsin Ewro (€50.00).**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**